MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Numru. 85/2002

**Illum 16 ta` Novembru, 2007**

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

**vs**

**Ahmed Ibrahim Mohammed Al Jolsi**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Ahmed Ibrahim Mohammed Al Jolsi iben Ibrahim u Melika Moqbel, imwieled il-Gordan fil-1 ta` Settembru, 1973 u residenti 28, Triq Mariano Gerada, Bormla u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 22114 A gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

a) Fil-21 ta` Frar, 2001 ghal habta ta` nofsinhar gewwa Swatar limiti tal-Msida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq il-vettura Opel Astra SIA 412 li tappartjeni lil Massimo Muscat, mobbli jew immobbli, liema ammont ta` hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira imma izjed minn hamsin lira.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta’ Jannar 2002 (Dok. SG 2 a fol. 22 tal-process) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-21 ta’ April, 2004 *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u huwa inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat u jidrilha li huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah ghal disa’ (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) millum,

Il-Qorti tiddkjara ghal kull buon fini illi hija spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------